**Fil-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

Il-Pulizija

vs

Melvin Portelli

Kaz numru:119/2023

Illum, 21 ta' Frar 2025

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Melvin Portelli**, ta' 33 sena, bin Michael u Mary xebba Mifsud, imwieled Pieta, fil-15/05/1989, residenti 24, Holy Mary, Triq il-Qastan, Rabat, Malta, ID: 224789M;

**Akkuzat** talli nhar is-06 ta' Dicembru 2022, ghall-habta ta' 18:00 gewwa l-akkwata maghrufa bhala l-Kuncizzjoni, limiti tar-Rabat, Malta

1. Insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Camilla Appelgren;
2. U aktar talli volontarjament ksirt il-paci u bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Semghet ix-xhieda.

Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.

Rat li fis-seduta tal-14 ta' Gunju 2024 il-prosekuzzjoni iddikjarat li ser tistrieh fuq il-provi in atti.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il-kaz jirrigwarda incident bejn l-imputat u l-kwerelanta li allegatament sehh nhar is-06 ta' Dicembru 2022 fejn il-kwerelanta tallega li waqt li hija kienet qed issuq fl-inhawi tal-Kuncizzjoni, limiti tar-Rabat, hija giet imwaqqfa mill-imputat, li l-imputat heddidha u li kiser il-bon ordni u paci pubbliku. Konsegwentament hija ghamlet rapport.

**Ikkunsidrat:**

**Provi**.

[1] Folio 1 tal-process.

**Xehdet PC996 Nicole Camilleri**[2] fejn qalet li fis-06 ta' Dicembru 2022 irrikorriet l-ghassa Camilla Appelgren li stqarret li dakinhar stess ghall-habta tas-sitta ta' fil-ghaxija waqt li kienet qed issuq fl-inhawi maghrufa tal-Kuncizzjoni, flimkien ma' binha, waqqafha ragel li qalilha "Why are you driving here? You cannot be here." Hija wegbitu li kellha kull dritt tghaddi minn din it-triq u li kellha minorenni maghha. Tispjega li l-kwerelanta kompliet li hargu zewgt irgiel ohra minn go vettura ohra li marru jassistu lir-ragel. Tghid li dan imbaghad qalilha "Don't worry. I will come in front of your gate. I know where you live" u qalilha wkoll illi huwa jghix hemmhekk stess. Imbaghad kompliet tghid li t-tlett irgiel bdew jghajtu u wiehed minnhom qalilha li kien ser icempel lill-Pulizija sabiex johorguha minn hemm. Hawnhekk hi qaltlu li se ccempel lill-Pulizija hi stess, kif fil-fatt ghamlet. Hija tkellmet ma' PC47 li taha struzzjonijiet biex titlaq minn fuq il-post.

Hija qalet li t-tlett irgiel kienu lebsin "camouflage" u li hadet filmat ta' dak li gara.

Sar kuntatt ma' PC47, PC967 u PS661 li marru fuq il-post u provdew id-dettalji tat-tlett persuni. L-istess Pulizija stqarrew li ghamlu spezzjoni u ma sabu xejn irregolari.

Gie mitkellem Melvin Portelli dakinhar stess. Huwa spjega li kien fil-kamra fl-ghalqa tieghu u ra karozza tieqaf max-xatba tieghu. Kif ra hekk huwa harab jigri ghaliex haseb li kien xi hadd biex jisraq. Il-karozza saqet bicca izda hu lahaqha. Ghamlilha sinjal mat-tieqa u hi fethet it-tieqa u hu staqsieha ghaliex kienet daret quddiem ix-xatba tieghu ghal kemm il-darba. Hi wegbitu li t-triq ta' kulhadd u li kellha tifel maghha. Jghid li bdew jitlewmu u hu qalilha li kienu diga serquh.

Rigward il-kliem "Don't worry. I will come in front of your gate. I know where you live" jghid li vera qal dan il-kliem pero huwa ried ifisser li bhalma

[2] Affidavit a folio 3 tal-process.

hi kienet qed issuq quddiem il-proprjeta tieghu hu kien se jaghmel l-istess. Hu qal ukoll li dan il-kliem ma intqalx b'theddida u li fl-ebda hin ma heddidha jew ghalqilha t-triq. Dak il-hin kien hiereg il-kugin tieghu li ma kellux x'jaqsam ma' l-argument.

Il-Prosekuzzjoni esebiet ir-rapport relattiv ghall-incident Dokument RA1[3], id-dikjarazzjoni ta' rinunzja ta' l-imputat li jikkonsulta ma' avukat Dokument RA2[4] u filmat immarkat Dokument RA3[5].

Xehdet il-kwerelanta **Camilla Appelgren**[6]**.**

Hija tghid illi hija kienet tosserva l-ghasafar flimkien ma' binha u x'hin kienu sejrin lura d-dar rat triq u ddecidiet li tesploraha biex jekk tkun tinfed mill-Bahrija ghal Bingemma tibda tuzaha. Tghid li dak il-hin kien gia dalam. Tghid li sabet li ma setetx tuzaha u saqet lura. Tghid li f'hin minnhom waqfet mal-genb tat-triq biex tara li din kienet proprja t-triq li kienet innutat qabel.

Tghid li fil-pront hareg xi hadd f'nofs it-triq u hasbet li ghandu bzonn xi haga. Hi bexxqet il-bieba tal-karozza u hu beda jghajjat: "Why are you outside my gates?" (X'qed taghmel barra x-xatba tieghi?). Tghid li qaltlu li ghandha kull dritt tkun hemm u li maghha kellha minuri.Tghid li fil-pront giet karozza u hargu zewgt irgiel minnha. Hija cemplet ghall-assitenza tal-Pulizija.[7]

Xehed **PS 661 Christian Grech**[8]**.**

Dan ix-xhud jghid li l-kwerelanta "infurmatna li kien hemm bird caller tal-pluvieri ghaddej lejn in-naha tal-Kuncizzjoni." Il-Qorti hawnhekk ma tistax

[3] A folio 9 tal-process.
[4] A folio 14 tal-process.
[5] A folio 15 tal-process.
[6] A folio 16 tal-process.
[7] Il-Qorti se tikkunsidra aktar fid-dettal ix-xhieda taghha fil-kunsiderazzjonijiet taghha aktar 'il quddiem.
[8] A folio 26 tal-process.

ma tinnutax illi dan ma jaqbel xejn ma' dak li xehdet il-kwerelanta u wisq anqas ma dak li ddikjarat lil din il-Qorti u cioe illi hija kienet ghaddejja minn dik it-triq biex tesploraha sabiex tara tistax tuzaha meta tkun f'dawk l-inhawi. Il-Qorti stante li fil-bidu nett tax-xhieda ta' dan il-kuntistabbli tirrizulta diskrepanza kbira f'dak li xehed u f'dak li xehdet il-kwerelanta tqis illi ma tistax toqghod fuq ix-xhieda ta' dan ix-xhud, filwaqt illi bla tlaqlieq tghid li jidher ukoll mill-istess xhieda illi l-kwerelanta mhix veritiera u konsistenza f'dak li qalet lill-Pulizija u dak li xehdet quddiem din il-Qorti. Dan ghaliex meta xehdet quddiem din il-Qorti hija tat raguni ghalfejn kienet f'dawk l-inhawi u cioe li kienet qed ticcekkja triq filwaqt illi x'hin irrappurtat mal-Pulizija tat raguni ohra u cioe "infurmatna li kien hemm bird caller tal-pluvieri ghaddej lejn in-naha tal-Kuncizzjoni."

In vista' ta' dan din il-Qorti tqis illi ghandha tikkunsidra wkoll il-fatt illi x-xhud ma kienx prezenti waqt l-allegat incident u li dak kollu li xehed dwaru kien dak li qaltlu l-kwerelanta. Dan ix-xhud jghid ukoll illi lill-imputat, lil Rodney Portelli u lil Jason Portelli gharafhom mill-filmat illi wrietu l-kwerelanta. Il-Qorti rat il-filmat diversi drabi u tqis illi fl-istess filmat l-persuni li jidhru ma jintgharfux, dan ghaliex apparti li kullimkien kien dlam cappa, l-persuni fil-fatt jidher wicchom shih ghal frazzjoni ta' sekondi biss u dan tul il-filmat shih li ttiehed. Mill-bqija jidhru persuni minn spallejhom l-isfel, jew minn naha ta' daharhom, hemm ftit istanzi biss fejn jidher parti mill-wicc u jew il-wicc shih. In oltre, l-istess xhud ma jghidx kif gharaf lill-persuni, ma jghidx jekk kienx jafhom qabel u ghalhekk seta' jaghrafhom ghax kienu familjari, jghid biss li gharaf lit-tlett persuni mill-filmat, fl-istess waqt jghid li ra biss bicciet mill-filmat. Mix-xhieda tieghu ma jirrizultax illi l-kwerelanta indikatlu lill-imputat bhala l-persuna li qalilha kliem ta' theddid. Jghid li hu jiftakar li l-imputat qalilha: "Jien naf fejn toqghod." Hu jirrepeti ghal tlett darbiet waqt ix-xhieda tieghu illi sema' dan il-kliem fil-filmat. Fil-fatt id-diskors li sar mas-Sinjura kien kollu bl-Ingliz u imkien fil-filmat ma jissemmew il-kliem: "Jien naf fejn toqghod." Ix-xhud jghid li hu

mar biss minhabba r-rapport tal-bird calling , ghamel tfittxija li rrizultat fin-negattiv u ma ghamel l-ebda investigazzjoni ulterjuri.

Xehed l-imputat **Melvin Portelli**[9]**.** Huwa spjega illi huwa kien fl-ghalqa x'hin innota karozza tieqaf max-xatba tal-ghalqa tieghu ghal diversi drabi, "waqfet xi erba' hames darbiet". Jghid li l-lejl ta' qabel kienu ghadhom kif serquh u x'hin ra li l-karozza dawret ftit 'il gewwa u regghet harget hu harab jigri u waqaf maghha u staqsieha "Xi trid minn hawn? Ghax ilek tieqaf minn hawn?" Jghid li kien id-dlam u ma kienx jaf xi bniedem hu. Jghid li huwa kellimha u qalilha "Trid mela noqghod nigi quddiemid-dar tieghek? Quddiem il-bieb tieghek?". Jispjega li fl-ghalqa mighu kien hemm huh u kuginuh. Jispjega li ftit wara kien tiela' kuginuh bil-karozza li waqaf sabiex jara x'gara ghax hi halliet il-karozza f'nofs it-triq. Spjega li hi kienet wiccha 'l barra u setghet tibqa' sejra imma hi ma ddejqet xejn, qabdet u nizlet mill-karozza. Jispjega li hi baqghet tiffilmjahomanke waqt li kienu dehlin lura fl-ghalqa. Jispjega li huwa qalilha "Ha nigi quddiem il-bieb tad-dar tieghek. Se toqghod tigi quddiem il-bieb tad-dar tieghi." Jghid li hu ried ifisser li kien se jaghmel kif kienet qed taghmel hi. Jghid li hi ma hassithiex mhedda ghaliex baqghet hemm u baqghet tiffilmjahom.

Xehed **Mario Portelli**[10]. Hu spjega li hu kien ghall-kacca hiereg mit-triq. U waqaf wara karozza li kienet f'nofs it-triq. Jghid li hu kien warajha u ghalhekk ma setax sakkarha u quddiemha kien vojt. Il-karozza ghalhekk setghet tibqa' sejra. Jghid li hu tela' hdejhom ghax hadet video tal-karozza tieghu minn quddiem.[11] Fit-tieni parti tax-xhieda tieghu hu spjega li hu ra lill-kwerelanta sieq wahda gol-karozzza u l-ohra barra u ra lil kuginuh jitkellem maghha.[12] Jghid li ma bediex jisma' diskors ghax kien bil-karozza

[9] A folio 21 tal-process.
[10] A folio 24 tal-process.
[11] Il-Qorti hawn tifhem li x-xhud kien qed jirreferi ghal x'hin kienet qed tiffilmja u ressqet qrib il-karozza tieghu bie tara n-number plate, fejn hemmhekk hu mar fuqha u staqsiha "Why did you take my number plate?".
[12] Jidher din hi l-ewwel parti tal-incident li ma nqabditx fil-filmat.

startjata. Jghid li hu nqabad warajha. Mistoqsi dwar storbju jispjega li ma kienx hemm storbju. Kien hemm huma t-tnejn jitkellmu bejniethom biss.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Ligi u Gurisprudenza Applikabbli**

L-imputat qed jigi akkuzat taht l-Artikolu 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li huma ta' natura kontravenzjonali.

**L-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9** jipprovdi:

"Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min –

(dd) b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra f'dan il-Kodiċi, jikser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

**L-Artikolu 339 (1) (e) tal-Kapitolu 9** jipprovdi:

339.(l) Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min -

(e) jagħmel lil ħaddieħor inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikun ipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti tinnota li c-citazzjoni fuq it-tieni pagna taghha tikkwota l-Artikoli "Kap 9 Sec 339 (1) (e). Kap 9 Sec 338 (dd)" hawn fuq riprodotti. Il-Qorti qieset li kellha ticcita ezattament x'jghidu dawn iz-zewg Artikoli u dan peress illi l-akkuzi fic-citazzjoni nfisha jaqraw:

1. Insulentajt, ingurjajt jew heddidt bi kliem jew b'mod iehor lil Camilla Appelgren: liema akkuza tista' taqa' taht l-ewwel parti tal-Artikolu 339 (e); u

2. U aktar talli volontarjament ksirt il-paci u bon ordni b'ghajjat, storbju jew glied: liema akkuza tista' taqa' taht l-Artikolu 338(dd).

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Lee Borg**[13]:

"Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). **Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali**.[14]

Illi sabiex kliem jitqies li hu "theddid" issir riferenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Frendo**[15], fejn il-Qorti interpretat il-kelma theddida bhala biza t'aggressjoni futura: B'referenza ghall-ewwel aggravju, l-appellant jissottometti illi theddida vera u proprja ma kienx hemm. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Lulju 1995 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Frendo**, l-appellant josserva li l-prospett ta' hsara ghandu jkun prospett rejali fis-sens illi meta persuna tghid lil xi hadd li ser tikkommetti fuqu xi aggressjoni fizika, jehtieg illi dan ix-xi hadd huwa konvint illi min qallu dak id-diskors ghandu l-kapacita` u l-propensita` li jasal. …..

[13] Per Onor. Imhallef Edwina Grima; Deciza 30 ta' Gunju, 2016
[14] Emfasi ta' din il-Qorti.
[15] Per Onor. Imhallef David Scicluna; Deciza 26 ta' Novembru, 2008; Appell Kriminali Numru. 76/2008.

F’sentenza ohra **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**[16] gie deciz:

“Skond il-gurisprudenza (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) tas-7 ta’ Lulju 1995 fl-ismijiet ‘Il-Pulizija versus Joseph Frendo’ it-theddid ifisser li agent ikun qed jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. ‘Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero’ ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band’oħra fil-kodici, e.ż. l-artikolu 249 liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta’ tal-istess agent.’

F’sentenza oħra mogħtija mill-istess Qorti iżda diversament preseduta ntqal hekk: ‘Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali.’ (L-Imħallef Dr. W. Harding ‘Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar.’ 25 ta’ Gunju 1952.)

62. Ingħad ukoll li minaccja ma titlifx mis-serjeta’ tagħha billi tkun kundizzjonata. (Ara: Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta’ Jannar 1949). Minn naħa l-oħra l-Antolisei jgħid dan li gej dwar il-minaccja: ‘e’ sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita’ delle persone a cui e’ rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro ‘ti faro’ vedere di che cosa sono capace..’ Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale’ (Milano Giuffre).

[16] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali; Per Onor. Magistrat Lawrence Quintano. Deciza 30 ta’ Settembru, 2009; Numru 1181/2006.

Imbghad il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet: "Biex ikun hemm tali theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta – bil-kliem, gesti jew b'mod iehor – xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "…e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'".

Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva. Zammit ex admissis tghid li hi ma bezetx minn dak li qalilha Gauci; u effettivament fid-diskors ta' Gauci din il-Qorti ma tirravizax necessarjament xi prospettiva ta' hsara ingusta, izda pjuttost twissija dwar il-konsegwenzi (li jistghu ikunu anke perfettament legali, bhal, per ezempju, li wiehed jaghmel rapport lill-pulizija) jekk hija tkompli taghmel dak li kienet qed taghmel. Illi fuq dan l-isenjament ma jistax jitqies li l-kliem li ntqal jammonta ghal theddid.[17]

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tfakkar illi fil-kamp krminali hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragonevoli u konsegwentament l-prova fuq bazi ta' probabilita ma hiex bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex tinstab htija fl-imputat.

Il-Qorti tfakkar ukoll illi l-grad tal-prova li trid il-ligi fil-kamp kriminali ma jinbidilx skont il-kaz u l-livell tal-prova huwa l-istess irrelevanti minn x'tip ta' kawza jkollha quddiemha l-Qorti. F'kull kaz il-prova f'kaz ta' sejbien ta'

[17] Pagna 5 sa 7 tas-sentenza.

htija trid tilhaq il-grad tal-"prova minghajr dubju ragonevoli" inkella d-dubju jrid imur favur l-imputat u f'tali kaz ma tistax tinstab htija.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti qieset bir-reqqa l-provi migjuba in atti.

Jibda biex jinghad illi l-ufficcjali tal-Pulizija li kienu l-ewwel nies li kellhom kuntatt mal-kwerelanta meta sehh l-incident u cioe PC 47 u PC 967 ma xehdux f'dawn il-proceduri, mhux talli imma l-prosekuzzjoni fis-seduta tat-03 ta' Frar 2023[18] iddikjarat illi "ghal-lum kienet harrket lil PC47 u PC967 izda llum jinsabu msiefra u qed tirrinunzja ghax-xhieda taghhom." Lanqas ma tressaq affidavit taghhom.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti ezaminat u fliet bir-reqqa l-filmat illi provdiet l-istess kwerelanta sabiex issostni r-rapport taghha.

Fl-ewwel lok il-Qorti tinnota li dan il-filmat ma jgib la d-data u lanqas il-hin ta' meta ttiehed, fih biss titlu sopraimpost fuqu. Ghalhekk dan zgur ma jistax jikkostitwixxi l-provi sal-grad rikjest mil-ligi fil-kamp kriminali. Dan peress illi l-prova trid tirrizulta li ngabet u tirreferi ghall-istess hin citat fl-akkuza. Dan kif deciz ukoll mill-Qorti tal-Appel Kriminali f'sentenzi varji. Konsegwentament din il-prova tal-filmat tfalli. Il-filmat gie mghoddi fuq pendrive minghajr ma jgib la d-data u lanqas il-hin meta ttiehed. Ix-xhud tghid li l-filmat haditu hi, pero l-prosekuzzjoni ma ressqitx bhala prova la l-mobile li allegatament permezz tieghu ttiehed il-filmat sabiex tigi konfermata t-tieqa temporali li fih sehh l-incident mertu tal-kaz, u l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tressaq bhala xhud lill-persuna li hareg l-

[18] A folio 31 tal-process.

video mill-imsemmi mobile u trazmettih fuq il-pdrive. Il-Qorti tinnota wkoll illi waqt ix-xhieda taghha, l-kwerelanta fl-ebda hin ma tghid li kienet hi stess li ghamlet dan. Konsegwentament din il-prova ma tilhaqx il-grad tal-prova kif titlob il-ligi fil-kamp kriminali.

Il-Qorti, pero, xorta hadet l-izbrigu li tara u tezamina l-filmat esebit mill-kwerelanta fil-pendrive Dokument RA3 a folio 15 tal-process u tinnota s-segwenti:

i. Mill-punt 00.03.32 sa 00.02.45 assolutament ma jidher wicc l-ebda wiehed mit-tlett persuni;

ii. Fil-punt 00.02.45 wiehed mill-persuni jidher nofs wiccu biss;

iii. Fil-punt 00.02.35 jidhru t-tlett persuni, wiehed jidher minn dahru biss wiccu lejn l-ohrajn, filwaqt illi t-tnejn l-ohra wicchom jidher biss ghall-frazzjoni ta' sekonda; li mhix bizzejjed sabiex il-Qorti tikkonferma illi l-imputat huwa xi wiehed minn dawn iz-zewg persuni;

iv. Mill-punt 00.02.22 sa 00.02.19 jidhru t'tlett persuni, l-istess hawnhekk wiehed jidher minn dahru biss wiccu lejn l-ohrajn, filwaqt illi t-tnejn l-ohra wicchom jidher biss ghall-frazzjoni ta' sekonda. Ghandu jinghad illi hawn huwa l-ewwel darba li dawn iz-zewg persuni jidher wicchom shih tajjeb izda xorta wahda f'distanza. Dan qed jinghad ghaliex ma jistax jigi identifikat min minnhom it-tlieta qal id-diskors illi illamentat minnhom il-kwerelanta. Dan peress illi x'hin kien qed jinghad id-diskors il-wicc tal-persuna ma kienx jidher;

v. Mill-punt 00.02.35 sa 00.02.31 jidhru l-ucuh tat-tlett persuni hawn qed nitkellmu fuq erba' millisekondi, mhux erba' minuti;

vi. Il-Qorti tinnota wkoll illi mill-punt 00.02.33 tal-filmat ‘il quddiem il-kwerelanta setghet facilment tirkeb il-karozza taghha u titlaq minn fuq il-post, dan ghaliex it-tlett irgiel kienu qed jitkellmu bejniethom fuq in-naha l-ohra tat-triq u jibqghu sejrin lejn il-karozza li kienu wasslu biha l-ahhar zewgt irgiel. Il-kwerelanta pero kienet aktar mehdija taghmel ir-rapport taghha milli tiehu hsieb titlaq minn fuq il-post, dan minkejja illi tghid li riedet tiehu hsieb is-sigurta ta’ binha minuri;

vii. Mill-istess filmat jidher ukoll illi hija ma ddejqet xejn tmur warajhom x’hin huma ressqu lejn il-vettura MAR972 hekk kif jidher mill-filmat. Imbaghad tidher tmur lura lejn il-karozza taghha kif tkun qed tghid li: “I was checking my map…”. Dak il-hin jidher ukoll illi l-istess vettura bdiet tirriversja u l-kwerelanta mxiet mill-genb tal-vettura taghha lejn il-vettura taghhom. Huma baqghu dehlin bil-vettura taghhom mix-xatba l-gewwa. Dak il-hin 00.01.51 sa 00.01.23 il-kwerelanta tinstema’ tghid: “Yes I am outside because they are coming at my son, he’s in the car. Yes I am in the street.” Il-Qorti tinnota li waqt illi l-kwerelanta kienet qed tghid dan il-kliem lill-persuna li kienet qed tkellem fuq il-mobile, fil-fatt wiehed mill-persuni kien jidher diehel bil-mixi mix-xatba ghall-ghalqa u t-tnejn l-ohra kienu dehlin bil-vettura mix-xatba ghall-ghalqa. U aktar tard tghid: “He is in the car. Yes yes yes he is in the car.” Il-Qorti tinnota li f’dan il-waqt li l-kwerelanta kienet qed tghid dan id-diskors, it-tlett persuni kienu gia rtiraw mix-xatba l’gewwa u ghalhekk dak li kienet qed tghid il-kwerelanta u senjatament “they are coming at my son” ma jirrizultax u ma hux minnu. Fil-fatt fil-filmat kollu l-minuri ma jidher imkien u t-tlett persuni ma kellhom l-ebda kuntatt mieghu. F’dan il-hin mill-istess filmat wiehed jista’ jikkonstata ahjar l-inhawi fejn gara dan kollu, u kemm kollox kien dlam cappa u mistur fid-dlam;

viii. Fil-punt 00.01.09 meta t-tlett persuni kienu gia telqu mill-post u l-kwerelanta baqghet hemmhekk, hi tinstema' tghid: "**Yes but I don't want to leave..**";[19]

ix. Il-Qorti tinnota illi l-karozza tal-kwerelanta kienet in-naha ta' quddiem u cioe l-ewwel wahda fit-triq, konsegwentament ma kien hemm xejn x'izommha milli tkompli ssuq u titlaq minn fuq il-post. Dan jidher car hekk kif fil-filmat 00.02.25 tidher il-karozza b'zewg pari saqajn quddiemha u tinstema' l-kwerelanta taghti n-numru tar-registrazzjoni tal-karozza lil min kienet qed titkellem mieghu. X'hin wiehed jmur lura fil-filmat fil-punt 00.02.27 jara l-karozza tal-kwerelanta, aktar 'il fuq mill-karozza l-ohra bil-bieba tax-xufier miftuha fuq in-naha tax-xellug tat-triq wiccha 'l quddiem;

*x.* Jidher car ukoll illi l-persuni prezenti lill-kwerelanta ma kellmuhiex, kellmuha biss meta hija hadet in-numru tal-karozza li huma kienu biha, punt 00.02.18 sa 00.02.23. Wiehed mill-persuna staqsiha ghalfejn hadet in-numru tal-karozza u hi wegbitu li ghax "I have the right to take your number plate … because you're rushing out…". Dan ma jirrizulta minn imkien mill-imsemmi filmat li xi hadd mar jigri barra fit-triq jew mar jigri ghall-kwerelanta. Xi hadd iehor qalilha li din kienet ir-raba darba li hija ghaddiet minn quddiem il-proprjeta u staqsiha: "*why are you spying near the gate?*

*I am not spying.*

*Yes you come three times or four times..at this hour*"

Hi wegbitu illi hi kienet fit-triq u kellha kull dritt tkun fit-triq. U hu spicca qalilha "mela issa I come in front of your door..".

[19] Enfasi tal-Qorti

xi. Fil-punt 00.01.45 tal-filmat jidher car ukoll illi l-karozza tal-kwerelanta kienet fuq quddiem tal-karozza l-ohra, jidher car illi l-kwerelanta ma kellha xejn x'jostakolaha milli tkompli fi triqtha, ghax il-karozza l-ohra kienet warajha u jidher ukoll illi t-riq ma hiex xi triq dejqa u ghandha espansjoni ta' art fuq kull naha taghha, illi ghalkemm ma hiex bit-tarmak, tidher illi jekk wiehed ikollu htiega vettura tista' wkoll tinstaq fuqha. Dan kollu qed jinghad ghaliex is-sinjura tghid illi hija giet imwaqqfa minn persuna u li lil din il-persuna qaltlu "Can you let us leave please?"[20] Izda dan ma jirrizultax mill-filmat.

xii. Lanqas ma jirrizulta dak li tkompli tghid ix-xhud. Il-Qorti, hawnhekk taghmel referenza ghal dak li xehdet ix-xhud a folio 17 tal-process u cioe "and at that point they start to raise their voice and telling me, 'why are you taking our registration plate? You cannot do that." **And I am informing them that, "I feel very unsafe and I have the right to inform police of your vehicle registration plate**." Din id-dikjarazzjoni ma tinstema' mkien fil-filmat;

xiii. Il-Qorti tinnota wkoll illi dak kollu li xehdet il-kwerelanta fil-pagna numru 17 tal-process, wara li identifikat lill-imputat fl-awla u cioe li hi infurmathom li tghix hemmhekk (hawnhekk ix-xhud mhix kredibbli peress illi aktar kmieni hija tghid illi nnutat triq u hasbet li tmur ticcekkjaha sabiex darb'ohra tuzaha, dan ifisser illi ma hux minnu li hi tghix fl-inhawi ghax inkella tkun taf it-triq fejn twassal), tghid ukoll illi wiehed minnhom kien qed jghid li se jkellmu lill-persuna fejn tghix hi biex ikecciha minn hemm (huwa minnu li wiehed mill-persuni jghid hekk pero huwa jitkellem bil-Malti u ghalhekk hija kienet qed tifhem perfettament x'kien qed jigri quddiemha minkejja li tkellmet maghhom bl-Ingliz), hija tixhed ukoll

[20] Fix-xhieda taghha a folio 16

illi l-Pulizija qalulha biex tmur tiltaqa' maghhom ir-Rabat minhabba illi semghu l-istorbju u hi hekk ghamlet. Dan ma hu minnu xejn, ghaliex mill-fimat jidher car illi x-xhud baqghet fuq il-post anke wara li l-persuni involuti nehhew il-karozza minn wara taghha u dahhluha mix-xatba 'l gewwa. F'dak il-punt hija baqghet tghid lill-Pulizija jigu fuq il-post u fil-filmat tinstema' tghid: "*Yes* ***but I don't want to leave, I want you to see the videos…***." fil-filmat fil-punt 00.01.06. Jidher illi l-kwerelanta kienet qed tinghata struzzjonijiet sabiex titlaq minn fuq il-post izda hi kienet thossha komda bizzejjed u minghajr xi tip ta' biza' jew ansjeta tant illi hi tinstema' tghid illi "I don't want to leave," u tkompli tghid: "I want you to see the videos."

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tinnota illi fil-filmat l-akwati huma dlam cappa. Fil-filmat jidhru tlieta minn nies, li wicchom ma jidhirx u l-mument li wiehed jilmah wicc ma hiex bizzejjed biex jigi identifikat persuna.

Il-Qorti tinnota wkoll illi mill-filmat jidher illi dawn it-tlett persuni bdew jirragunaw bejniethom b'lehen gholi pero kienu jitkellmu bejniethom. Kien biss x'hin wiehed minnhom resaq lejha u qalilha x'kienet qeghda taghmel hemm iddur quddiem il-proprjeta tieghu, illi hija giet indirizzatha u x'hin qalilha "ok so I will come in front of your gate".

Il-Qorti tinnota illi minkejja illi t-tlett irgiel telqu 'l hemm, u minkejja li skont hi, l-kwerelanta kellha minuri maghha, ghaliex dan ma jidher imkien, l-kwerelanta xorta baqghet fuq il-post u baqghet ghaddejja bit-telefonata taghha. Dan juri bic-car illi hija bl-ebda mod ma hassitha mheddha bl-agir ta' dawn it-tlieta minn nies.

Il-Qorti tinnota wkoll illi t-triq fl-inhawi kienet wiesgha bizzejjed sabiex l-kwerelanta tkun tista' tibqa' ghaddejja, dan jidher lejn l-ahhar tal-filmat f'liema parti tal-filmat l-inhawi jidhru ahjar.

Il-Qorti tqis illi persuna li thossha mhedda u mbezza' zgur illi ma tibqax fuq il-post li tkun, imma tara kif taghmel biex titlaq 'l hemm.

Mill-kliem taghha "Yes but I don't want to leave, I want you to see the videos…." fil-filmat fil-punt 00.01.06 jidher illi l-kwerelanta kienet qed tinghata struzzjonijiet sabiex titlaq minn fuq il-post izda hi kienet thossha komda bizzejjed u minghajr xi tip ta' biza' jew ansjeta tant illi hi tinstema' tghid illi "I don't want to leave," u tkompli tghid: "I want you to see the videos."

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-kwerelanta qalet lill-persuna li kienet qed tkellimha fuq il-mobile illi "they came after me…..there were three of them….they stopped me from driving further…". Meta wiehed jara l-filmat l-kwerelanta tinstema' tghid illi "they taught I was checking on them…I stopped to (hawnhekk il-kwerelanta tieqaf qisek qed tahseb x'se tghid) imbaghad tkompli "to check my map". Hawnhekk il-kwerelanta wkoll ma hiex kredibbli ghaliex biex ticcekkja mappa trid tkun tista' tara dak li hemm madwarek u kif jidher mill-filmat, l-inhawi kienu dlam cappa u ghalhekk il-Qorti tqis illi ma kienx possibbli li wiehed jara mappa u jezamina kemm tikkorrispondi ghall-inhawi li jkun fihom.

Mill-istess filmat fl-ebda hin ma jidher l-imputat jaghmel dak li gie allegat fil-konfront tieghu. Ghalkemm tinstema' vuci tghid il-kliem "I know where you live" dak il-kliem ma jistax jigi abbinat ma' persuna partikolari ghaliex dak il-hin il-persuni li kienu quddiem il-kwerelanti jitkellmu maghha m'humiex identifikabbli ghaliex wicchom ma jidhirx.

In oltre, x-xhud in kontro-ezami tispicca tikkonferma illi l-karozza ma kinitx qed timblokkaha, tikkonferma li l-karozza kienet warajha, tikkonferma li l-karozza ma hiex tal-imputat, tikkonferma li ghalkemm l-imputat kien quddiem il-karozza, ma kienx b'mod illi hija ma setetx tkompli ssuq u taqbzu.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tqis illi ghandha tikkunsidra wkoll il-kliem li tirreferi ghalih ix-xhud u cioe "I will come in front of your door." U ftit wara fix-xhieda taghha terga' tghid li qalilha "I will come in front of your door. I know where you live."

Dan huwa ezattament dak li ghamlet ix-xhud. Hija marret quddiem il-bieb tal-ghalqa tal-imputat, jew li jgawdi minnha hu. Marret quddiem il-bieb tieghu mhux darba izda erba' jew hames darbiet u kull darba tieqaf quddiem ix-xatba tieghu. Kien id-dlam u ma ddejqet xejn tagixxi b'dan il-mod. Il-Qorti allura tqis illi la darba x-xhud kienet qed taghmel dan, u tahseb li tista' taghmel dan u ghandha xi dritt taghmel dan u ddejjaq u taghti fastidju bl-agir taghha lil min ikun fil-kwiet ta' daru mix-xatba 'l gewwa, allura bl-istess mod ma tistax tghid illi xi hadd illi, mhux ghamel bhalha, izda jghid biss li se jaghmel bhalha u cioe jmur fit-triq fejn tghix hi u joqghod idur fit-triq quddiem biebha jista' b'xi mod ikun ta' theddida ghaliha. Dak li jghodd ghal wiehed jghodd ghall-iehor. Dak li hu tajjeb ghal wiehed huwa tajjeb ghall-iehor. U dak li hu hazi ghal wiehed hu hazin ghall-iehor.

Il-Qorti tqis ukoll illi x-xhud fl-ebda mument ma qalet li hassitha mhedda, tghid biss li hassitha "very unsafe". Il-Qort tqis illi din il-verzjoni ma tistax titwemmen. Dan ghaliex jekk persuna thossha very unsafe, ssib l-ewwel mument u titlaq minn fejn tkun, mhux tkun fil-karozza taghha u tohrog

minnha, u jekk ma tridx, skont hi thalli minuri maghluq fil-karozza, fi dlam cappa.

Kien hemm diversi okkazjonijiet fejn ix-xhud setghet dahlet fil-karozza u telqet minn hemm izda dan m'ghamlitux.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-imputat u dan ghal diversi ragunijiet:

1. Il-kwerelanta tghid illi kienet rat it-triq mill-boghod u marret ticcekkja din it-triq biex darba ohra tuzaha, haga li l-Qorti issib inverosimili, kunsidrat li maghha kellha lil binha li hi tghid li huwa minuri u li hi tghid ukoll illi jbaghti minn kundizzjoni partikolari li taghmel lill-persuna facilment irritabbli.

2. Il-kwerelanta tghid li kien qed jidlam, hawn ukoll il-Qorti tqis li l-verzjoni tal-kwerelanta m'ghandhiex mis-sewwa, dan ghaliex jekk inti tkun qed ticcekkja triq biex darb'ohra tuzaha wiehed jifhem li dan m'ghandekx taghmlu bil-lejl la darba int ma tkunx familjari mal-inhawi.

3. Il-Qorti tqis ukoll illi l-kwerelanta kienet irresponsabbli li waqfet quddiem xatba ta' proprjeta tan-nies fi triq mistura fid-dlam meta hija kellha minuri maghha. Dan qed jinghad bl-akbar responsabilita u mhux biex b'xi mod jew iehor jitfa' xi dell fuq il-kwerelanta jew ixejjen illi hija ssostni li kellha lil binha minuri maghha. Li kieku kien kaz ta' xi bzonn jew ta' xi emergenza wiehed jifhem li persuna tieqaf quddiem dar f'dawk ic-cirkostanzi biex titlob l-ghajnuna, izda dan ma kienx il-kaz.

4. Huwa minnu illi triq hija pubblika pero huwa minnu wkoll illi persuna li tieqaf quddiem biebek u toqghod thuf fl-inhawi tal-proprjeta tieghek tqajjem suspett. F'cirkostanzi bhal dawn persuna ghandha dritt tipprotegi lilha nfisha u l-proprjeta taghha.

5. Il-kwerelanta ma tatx spjegazzjoni la lill-Pulizija u lanqas lill-Qorti x'kienet ir-raguni illi hija waqfet quddiem l-istess xatba.

6. Hija ma cahditx li din kienet l-unika darba li dakinhar ghaddiet minn quddiem din ix-xatba.

7. L-imputat kien onest u meta mitkellem mill-Pulizija spjega li dik il-vettura kienet ghaddiet minn quddiem ix-xatba tieghu diversi drabi u x'hin reggghet kienet ghaddejja hareg biex jara xi trid minn hemm u ghalfejn kienet qed thuf fl-inhawi tal-proprjeta tieghu. Fil-fatt tinstema' vuci tistaqsi; "Why are you stopping in front of my gate".

**Ikkunsidrat:**

Illi l-Qorti tqis illi l-parti tal-akkuza rigward l-ingurja ma tirrizultax u dan ghaliex ma kienu nvoluti l-ebda terzi persuni f'dak illi gara.

Illi fir-rigward tal-akkuza tat-theddid, din il-Qorti tqis illi kulhadd ghandu d-dritt li jipprotegi l-proprjeta tieghu. Kulhadd ghandu d-dritt li johrog u jistaqsi jekk jara ghajn hazina minn persuna li toqghod titlajja quddiem il-proprjeta tieghu, ghal xejn b'xejn tant li tqajjem suspett dwar l-intenzjonijiet taghha, u tohloq domandi ragonevoli f'mohh il-persuna li tali persuna se tikkawzalu hsara lilu nnifsu jew lill-proprjeta tieghu. Billi jiehu azzjoni sabiex jipprotegi lilu nnifsu jew lill-proprjeta tieghu, b'daqshekk ma jfissirx li persuna tkun qed tiehu l-ligi b'idejha, dejjem ovvjament ladarba l-agir tieghu ma jkunx barra l-limiti tal-proporzjonalita.

Illi huwa minnu li l-vuci kienet xi ftit gholja pero dan ma jidhirx illi b'xi mod wassal lill-kwerelanta ghal xi turbament jew biza'. Hija baqghet fuq il-post, fi dlam cappa anke wara illi t-tlett persuni rtiraw gewwa l-ghalqa u ghalqu x-xatba. Tant ma kinitx bezghana jew turbata li hadet video tal-akkadut u sahansitra mxiet wara l-vettura hekk kif il-vettura bdiet tirriversja biex tidhol minn gox-xatba. Tant ma hassithiex mhedda illi sahansitra lil min kienet qed tkellem fuq il-mobile taghha tinstema' tghidlu: "I do not want to leave". Tant ma hassithiex mheddha illi minkejja li kellha diversi possibilitajiet u mill-bidu nett setghet terga' tidhol fil-vettura taghha u titlaq minn fuq il-post, hija ma ghamlet xejn minn dan. Il-kwerelanta harget hi mill-vettura taghha u ghazlet hi li ma taqbadx u terga' tidhol fil-vettura u ssuq fi triqtha. Hija ma kellha xejn x'jostakolalha t-triq, kif hija tikkonferma fl-ahhar parti tal-kontro-ezami taghha u setghet liberalment terga' tidhol fil-karozza taghha, (li l-Qorti tqis hija ma kellhiex mill-bidunett ghalfejn tinzel minnha) u tkompli sejra fi triqtha.

Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi dak il-kliem li lissen l-imputat bl-ebda mod ma ttiehed bhala theddida mill-kwerelanta. In oltre, l-imputat spjega li hu ried ifisser biss illi kif hi marret u qaghdet iddur quddiem ix-xatba tieghu, diversi drabi, u qaltlu li tista' taghmel hekk ghax kienet fit-triq, hu kien se jaghmel l-istess haga u jmur quddiem il-bieb taghha ghal diversi drabi u joqghod jissindika l-bieb taghha mit-triq.

Konsegwentament fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti tqis illi din l-akkuza ma gietx pruvata u l-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat fir-rigward ta' din l-akkuza.

**Ikkunsidrat:**

Illi fir-rigward tat-tieni akkuza u cioe l-ksur tal-paci u bon ordni b'ghajat, storbju u glied, il-Qorti tqis illi mill-istess filmat ma jirrizulta l-ebda storbju u glied. Fir-rigward tal-ghajat li trid il-ligi, huwa minnu li l-imputat tkellem b'lehen gholi pero dan ma jammontax ghal dak l-ghajjat li trid il-ligi sabiex jirrizulta l-att tal-ghajjat li jwassal ghall-ksur tal-paci u bon ordni. Xejn xejn l-imputat kellem lill-kwerelanta b'lehen gholi f'okkazjoni wahda biss meta qalilha: "Why are you stopping in front of my gate?"nghaliex x'hin qalilha "I know where you live", il-vuci tieghu kienet gia nizlet.

In oltre lanqas jirrizulta li kien hemm xi terza persuni bhala pubbliku li kienu qieghed isegwu dak li kien qed isehh bejn il-persuni involuti, ghalhekk wiehed mill-elementi li trid il-ligi sabiex tirrizulta din il-kontravvenzjoni u cioe li jigi disturbat il-pubbliku, ma tirrizulax. Ghalhekk din il-kontravvenzjoni f'dawn ic-cirkostanzi lanqas tista' tirrizulta.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **MELVIN PORTELLI MHUX HATI** tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minn kull htija u piena.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 21 ta' Frar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur